Dr. Kathleen Calleja Grima LL.B, LL.D.
ADVOCATE

Ref taghna: F012/1/2020/KG

L-Eccellenza Tieghu
Il-President ta' Malta
Dr. George Vella

6 ta' Frar 2020

Konsiderazzjonijiet ghal Riformi fil-Ligi

Eccellenza,

Ninsab diretta niktiblek ghan-nom tal-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) riferibilment ghall-fatt li jidher li ser jsiru konsultazzjonijiet dwar ir-riforma fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Fid-dawl tal-premess, il-Federazzjoni txtieq tippartecipa fis-suggett u tressaq l-intervent umili taghha dwar xi emendi fil-Ligi, bit-tama li una volta d-diskuzzjonijiet javvanzaw iktar jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll dawn is-sottomissjonijiet li ser jitressqu ghall-attenzjoni Tieghek u ta' min jista' jkun koncernat fl-istess emendi.

L-emendi li l-FKNK tixtieq li jigu diskussi u analizzati huma rigward l-Att dwar ir-Referenza, Kap 237 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex filwaqt li jibqa' jezisti l-mekkanizmu legali li permezz tieghu f'certu cirkostanzi jista' jissejjah referendum abrogattiv, mill-banda l-ohra, jkun hemm certu *checks and balances* sia biex ma jkunx hemm sitwazzjoni fejn referendum abrogattiv jissejjah b'mod kapriccjuz u/jew b'abbuz tal-istess ligi, kif ukoll sabiex fl-istess hin ikun hemm certu salvagwardji ghal certu sitwazzjonijiet li jimmeritaw protezzjoni ghalkemm jistghu jkunu f'minoranza u kwindi jkollhom diffikultajiet ikbar biex jghaddu t-test ta' referendum.

Ai fini ta' kjarifika jinghad mill-bidu nett li l-Federazzjoni hija ben edotta mill-fatt li tali emendi suggeriti ma jitrattawx il-Kostituzzjoni ta' Malta per se, madanakollu, tenut kont li Referendum abrogattiv fl-umili fehma tal-Federazzjoni jista' jwassal ghal referendum nazzjonali kif fil-fatt gara, u kwindi bhala elezzjoni fuq skala nazzjonali jista' jolqot kwistjonijiet demokratici u punti ohra li jifformaw parti mill-Kostituzzjoni, qed jitressqu dawn l-umili suggerimenti taghhom sabiex jittiehdu in konsiderazzjoni.

In oltre, dawn is-sottomissjonijiet tal-FKNK qed jitressqu wkoll fid-dawl tal-fatt li l-istess Federazzjoni fl-2015 kienet gabret petizzjoni konsistenti minn iktar minn 104,000 firem u giet wkoll prezentata quddiem il-Parlament, fejn l-iskop principali ta' tali petizzjoni kienet li l-Att dwar ir-Referenda jigi emendat. Kwindi dan l-intervent huwa xprunat ukoll minn petizzjoni ffirmata minn porzjon konsiderevoli tal-populazzjoni li uriet bic-car it-talba ghal tali emendi.

Maghmula din l-introduzzjoni preliminari, l-emendi li l-FKNK jixtiequ li jigu kkunsidrati ghal diskuzzjoni u eventwali riforma fil-ligi, huma s-segwenti punti li ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb ser jinqasmu f'sitt taqsimiet:



Dolphin Court, Apt M - R, Flat Q,Triq l-Ambaxxati, Ta' Xbiex, Malta.
Mob: +356 99262747 | E-mail: grima.kath@gmail.com

i). L-artikolu 13(2) tal-Att jitratta sitwazzjonijiet meta referendum abrogattiv ma jistax jigi imsejjah. Fosthom hemm l-artikolu 13(2)(g) li tghid li leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta ma ghandhiex tigi suggetta ghal referendum abrogattiv.

L-FKNK huma tal-fehma li ghandu jkun hemm diskussjonijiet ukoll sabiex apparti "obligazzjonijiet" jigu inkorporati wkoll drittijiet u/jew privileggi, u arrangamenti rikonoxxuti fi trattati, kif ukoll sentenzi u decizzjonijiet moghtija mill-ECJ u ECHR. Dan qed jinghad ghaliex naturalment jista' jkun hemm ligi li giet introdotta propju biex tipprotegi certu drittijiet ta' certu individwi, izda l-mument li ssir talba biex isir referendum abrogattiv dwar dik l-istess ligi, jekk tali referendum jghaddi a favur li tali ligi tigi abrogata, dan ikun ifisser effettivament li tali dritt thassar ghall-kollox.

ii). L-artikolu 14(1) tal-Att dwar ir-Referenda jitkellem dwar l-gbir tal-firem li ma jridx ikun inqas minn 10% tal-ghadd totali ta' persuni registrati bhala eletturi.

Li ma jghidx dan l-artikolu huwa f'kemm zmien ghandhom jingabru dawn il-firem. La ma hemmx terminu, dan effettivament ifisser li l-firem jistghu jdumu jingabru snin.

L-FKNK però thoss illi ghandu jkun hemm terminu stipulat ghall-gbir ta' firem ghall-iskop indikat fl-artikolu 14 tal-Att. L-imposizzjoni tat-terminu ghandha twassal biex ikun hemm izjed serhan il-mohh li l-ligi, li dwarha jkun ser jissejjah ir-referendum abrogattiv, tkun ta' tali importanza ghall-eletturi, tant li n-numru ta' firem rikjesti ikun ingabar f'perjodu limitat skond kif titlob il-ligi. Dewmien biex jingabru firem ghal skop partikolari ma jawgurax tajjeb favur is-salvagwardja biex referendum abrogattiv ma jigix imsejjah b'mod kapriccjuz. Dan kollu apparti l-fatt li t-trapass taz-zmien minghajr limiti sakemm ingabru l-firem jwassal ghall-probabilità ikbar li min ikun iffirma l-petizzjoni ma jkunx ghadu haj biex jivvota fir-referendum li ghalih ikun iffirma l-petizzjoni.

iii). L-istess artikolu 14(1) tal-Att jitlob li n-numru ta' firem kif indikat ghandu jkun mhux inqas minn 10%.

L-FKNK huma tal-fehma li dan in-numru ghandu jikber ghal 1/3 tal-ghadd totali ta' persuni registrati bhala eletturi. Dan ghal darba'ohra ghandu jghin biex kemm jistajkun jizgura li jekk jissejjah ir-referendum abrogattiv, jkun issejjah ghaliex numru sostanzjali ta' votanti ikunu verament iridu li tali referendum isir.

iv). L-artikolu 20(2) tal-Att jghid li jekk il-maġġoranza tal-eletturi ma jkunux approvaw il-proposta fir-referendum abrogattiv, id-disposizzjoni relattiva tal-liġi għandha tibqa' sseħħ, u ma tkun tista' ssir ebda dikjarazzjoni ġdida skont ma hemm provdut fl-artikolu 14 dwar l-istess disposizzjoni qabel l-iskadenza ta' sentejn.

L-FKNK jixtiequ li dan it-terminu ta' sentejn jigi mibdul ghal perjodu itwal, li fl-umili fehma taghhom ghandu jkun ta' 10 snin. Dan qed jinghad ghaliex is-suggett li dwaru jkun ser jissejjah referendum abrogattiv jista' jkun inkorporat fil-manifest elettorali

tal-partiti fl-elezzjonijiet generali u ghalhekk huwa ragjonevoli li jekk ikun dak il-kaz, allura jkun sar ukoll vot fuq il-kwistjoni anke fl-elezzjonijiet generali.

Apparti minn hekk, u marbuta mal-ahhar tlett suggerimenti (ii) sa (iv), wiehed ma jridx jinsa l-ispiza nazzjonali li jidhol fiha l-pajjiz kull darba li jissejjah referendum abrogattiv, fejn skond dikjarazzjoni li harget fis-17 ta' Lulju 2015 mill-Kummissarju Elettorali Joseph Church ir-referendum dwar il-Kacca fir-Rebbiegha sewa 4.6 miljun Ewro, apparti Euro 1,349,538 li thallasu lill-Air Malta ghal biljetti bi prezz ridott biex votanti jkunu jistghu jivvjaggaw lejn Malta u jivvutaw.

L-FKNK ma hijiex qed tghid li hija kontra li jsiru referenda abrogattivi, izda qed twassal dawn l-umili suggerimenti taghha sabiex din l-ghodda legali li biha jista' jissejjah referendum nazzjonali ma tigix abbuzata kapriccjozament u jigu inkorporati salvagwardji legali adegwati.

v). L-artikolu 14(4) jiddetta li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali dwar l-għadd ta' persuni li jkunu ffirmaw validament id-dikjarazzjoni għandha tkun waħda finali u konklużiva.

Fin-nuqqas però ta' dettalji ulterjuri fil-ligi, l-FKNK thoss illi ikun ghaqli li wiehed jiddiskuti emendi fis-sens li jigi indikat fil-ligi l-procedura li ghandha taddotta l-Kummissjoni Elettorali sabiex tasal ghan-numru ta' persuni li jkunu ffirmaw validament id-dikajrazzjoni. *Inter alia* wiehed ghandu wkoll jikkonsidra emendi fis-sens li l-Kummissjoni Elettorali tahtar espert ai fini ta' '*sampling*', kif ukoll li jkun hemm ukoll l-obbligu tal-verifikazzjoni personali ta' persentagg ta' firem.

vi). Fl-ahhar lok, kif inhuma d-disposizzjonijiet dwar ir-referendum abrogattiv, ma hemmx dritt ta' appell mid-decizzjoni tal-Qorti dwar jekk ghandux isir ir-referendum mitlub jew le, u dan ghaliex ir-rikors indikat fl-artikolu 16 tal-Att dwar ir-Referendum jitlob li tali rikors jigi pprezentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

L-FKNK thoss illi ghandu jkun hemm diskussjonijiet ukoll dwar jekk tali sitwazzjoni ghandhiex tibqa' kif inhi, jew inkella jekk ghandux ikun hemm emendi biex jaghtu dritt ta' appell lil min ikun oppona ghar-referendum abrogattiv u ipprezenta rikors ai termini tal-artikolu 16 tal-Att.

Ghaldaqstant, filwaqt li niehu din l-okkazzjoni ssabiex nirringrazzjak tal-attenzjoni Tieghek f'dan ir-rigward,

Nselli ghalik,



Avv. Kathleen Calleja Grima